**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-12 TA' OTTUBRU, 2023**

**Kawża Numru: 3K**

**Rik. Kost. 18/2023 RGM**

**Nesh Limited (C-60878)**

**vs.**

**Korp għall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) u**
**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-**rikors kostituzzjonali tas-soċjetà Nesh Limited** ippreżentat fit-18 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

    1. "Illi r-rikorrenti kienet inghatat licenzja sabiex topera fil-qasam tal- *gaming* permezz ta' *Gaming Service license* kif jirrizulta minn kopja tal-istess licenzja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A'.

    2. Illi bejn id- dsatax (19) ta' Mejju tas- sena elfejn u ghoxrin (2020) u t- tmintax (18) ta' Gunju tal- istess sena, il- Korp assistit mid- ditta KPMG ta' 92, Marina street,

Pieta, wettaq *compliance review* li kienet tkopri kemm materji li jaqghu taht il-kompetenza esklussiva tal-Malta Gaming Authority kif ukoll materji li jirrigwardaw l-operat tal-Korp appellat.

3. Illi nhar it- tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021), is-socjeta` appellanta infurmat irrinunzjat ghal-licenzja taghha, hekk kif ikkonfermat mill- korp appellat stess u mid- dokumentazzjoni hawn annessa u mmarkata 'Dok B'.

4. Illi sussegwentament, is-socjeta` appellanta bdiet il-process sabiex tigi likwidata din l- istess socjeta';

5. Illi permezz ta' decizjoni tal-Korp appellat datata is-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru tas- sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022) u komunikata permezz ta' email lis-socjeta` appellanta nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru 2022, (Dok C), il- Korp sab lis-socjeta` appellanta hatja ta' ksur ta' diversi dispozizzjonijiet tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terrorizmu u imponiet fuq is-socjeta` appellanta, piena amministrattiva ta' mitejn u erbat elef, mija u sitta u ghoxrin ewro (€204,126);

6. Illi tali decizjoni mehudha mill-Korp intimat hija nulla u bla effett fil-ligi stante` li l-procedura adoperata mill-Korp intimat fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti; il-ligi stess li giet applikata, li abbazi taghha, il-Korp intimat impona s-sanzjoni in kwistjoni; kif ukoll it-trattament moghti lis-socjeta` rikorrenti, kienu u huma lezivi tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-istess rikorrenti.

**7. Illi id-decizjoni mehuda mill-Korp intimnat hi nulla u bla effett fil-ligi peress li:**

(i) id-disposizzjoni tal-ligi stess li a bazi taghha il-korp intimat impona is-sanzjoni, cioe' regolament 21 tal-Avviz Legali 372 tal-2017 (SL 373.01) u l-Art. 13 tal-Kap 373 jilledi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoini li jimponi li Qorti biss tista' timponi sanzjoni penali;
(ii) bla pregudizzju ghall-premess, it-trattament moghti lis-socjeta' rikorrenti kien leziv tad-drittijiet fondamentali tas-socjeta' rikorrenti kemm a bazi tad-dritt ghal smigh xieraq kif ukoll ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni.

*Id-disposizzjoni tal-ligi hija kontra l-artikolu 39(1) tal-Kostituzjzoni*

8. Illi f'dan il-kaz, meta wiehed jaghmel referenza ghall-ammont tal-piena imposta kif suriferit, it-tip ta' sanzjoni imposta hija tant severa, li minkejja li hija deskritta bhala multa amministrattiva, tikkwalifika bhala piena penali ghax tenut kont tas-severita` taghha, titqies derivanti minn akkuza kriminali. Dan kif del resto stabbilit minn gurisprudenza tal-Qrati nostrani kif ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. (ara *Angelo Zahra v. Kummissarju Taxxi Interni*, (QK 29 Mejju 2015) *Federation of Estate Agents v. Direttur Generali Kompetizzjoni* (QK 3 Mejju 2016) u *Rosette Thake ne v Kummissjoni Elettorali* (QK 8 Ottubru 2018);

9. Illi ghalhekk, kif espost hawn qabel, il-proceduri li giet sottoposta ghalihom s-socjeta` rikorrenti u li wasslu ghal kundanna taghha ta' piena ezorbitanti u debilitanti jaqghu fil-parametri kontemplati mill--Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jesigi li meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali, liema akkuza ma tigix irtirata, ghandha tinghata smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn **qorti** indipendenti u imparzjali mwaqqfa mil-ligi. Il-korp intimat ma hux Qorti kif definit fil-Kostituzzjoni u interpretat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz *Pulizija v. Emmanuel Vell*a(QK, 28 Gunju 1983) ;

10. Illi bla pregudizzju ghall-premess lanqas ma jista' jinghad li il-korp intimat hu awtorita gudikanti indipendenti u imparzjali ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ;

*Il-proceduri innifishom kienu lesivi tad-drittijiet tal-bniedem tas-socjeta' rikorrenti*

11. Bla pregudizzju ghall-premess, illi fir-rigward tas-socjeta` rikorrenti, kien il-Korp rikorrenti li investigaha kif ukoll l-istess Korp li akkuzaha, iggudikaha u nflitta l-piena amministrattiva fil-konfront taghha, b'tali mod li l-Korp intimat sar *judex in causa sua*. Illi f'dan il-kaz m'hemm l-ebda dubju illi hemm riskju kbir ta' pregudizzju da parti tal-Korp intimat u ghalhekk tali Korp m'ghandux jiddeciedi u jinflitta piena f'kaz fejn huwa stess kien l-investigatur.

12. Illi dan jikkonstitwixxi vjolazzjoni tal-principju ta' gustizzja naturali, specifikament dak ta' *nemo judex in causa propria* u ghalhekk tali funzjonijiet tal-Korp intimat huma vjolattivi tad-dritt tas-smiegh xieraq li ghandha s-socjeta` rikorrenti skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali

13. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena imposta mill-Korp intimat hija wahda eccessiva u indubjament sproporzjonata meta mqabbla mal-allegat reat mwettaq. Dan ghaliex tali piena la kienet addattata sabiex jintlahaq l-ghan mixtieq u wisq inqas necessarja sabiex jintlahaq l-ghan ahhari. Oltre` minn hekk, tali piena tinflitti piz tqil wisq fuq is-socjeta` rikorrenti. Ulterjorment, fid-decizjoni tieghu, il-Korp intimat, minkejja li jaqsam il-piena inflitta f'diversi kategoriji skont ir-regolamenti allegatament miksura mis-socjeta` rikorrenti, tali Korp, fl-ebda punt ma jindika fuq liema bazi inhadmet il-piena inflita.

14. Illi l-imposizjzoni ta' tali piena hija ghalhekk bi ksur tal-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u art 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghaliex sproporzjonat ghall-ghemil allegat li sar mis-socjeta' rikorrenti, bi ksur tal-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja, kif ukoll diskriminatorja bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja fuq indikata, minhabba li f' cirkostanzi simili socjetajeiet u persuni ohra wehlu piena amminstrattiva ferm u ferm inqas min dik imposta fuq is-socjeta' rikorrenti, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

15. Illi f'tali cirkostanza, kien hemm bl-iktar b'mod shih nuqqas ta' parita` tal-armi. Dan huwa rifless fil-fatt illi s-socjeta` rikorrenti, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri ta' din il-kawza, fl-ebda punt ma kellha u/jew ghandha access ghall-proceduri intavolati f'kazijiet simili filwaqt li l-Korp intimat ghandu dan l-access imsemmi. Dan il-fatt jitfa' lis-socjeta` rikorrenti f'pozizzjoni zvantaggjata meta mqabbla mal-pozizzjoni tal-Korp intimat, fejn fuq naha wahda ghandek il-Korp intimat b'rizorsi infiniti mentri fuq in-naha l-ohra ghandek socjeta b'kapital limitat u del resto kontrolli stretti fuq x' taghmel bil-kapital taghha.

16. In oltre`, in-nuqqas ta' parita` tal-armi huwa manifestat ukoll fir-rigward tat-termini, fis-sens illi l-Korp intimat wettaq l-investigazzjoni u johrog ir-rapporti u kif ukoll id-decizjoni f'terminu mhux specifikat mil-ligi u ghalhekk ha zmien kemm kien konvenjenti ghalih sabiex hareg tali rapport u decizjoni. Min-naha l-ohra, is-socjeta` rikorrenti kienet marbuta b'termini koncessi lilha mill-Korp intimat sabiex taghmel ir-raprezentazzjonijiet taghha.

17. Illi dan huwa leviz tad-dritt ghal smiegh xieraq tas-socjeta` rikorrenti inkwantu huwa vjolattiv tal-principju tal-parita` tal-armi u ghalhekk ma jaghtix garanziji bizzejjed biex jigi salvagwardjat id-dritt fundamentali ta' smigh xieraq skolpit

kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

18. Illi meta wiehed iqabbel it-trattament da parti tal-Korp appellat fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti mat-trattament tal-istess Korp appellat fil-konfront ta' soggetti guridici ohra, fir-rigward ta' fatti u allegati vjolazzjonijiet simili u identitici ghal dawk allegatament mwettqa mis-socjeta` rikorrenti, johrog bic-car illi s-socjeta` rikorrenti kienet trattata b'mod diskriminatorju, fin-nuqqas ta' ezistenza ta' fatturi li jiggustifikaw tali differenza fit-trattament.

**GHALDAQSTANT,** is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, tghaddi biex takkorda r-rimedji kostituzzjonali kollha spettanti lill-esponenti fosthom:-

1. Tiddikjara li r-Regolament 21 tal-Avviz Legali 372 tal-2017 (S.L. 373.01) u l-Art 13 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta li tahtu gew imposti l-pieni fuq riferiti, jikser id-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti sanciti fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u ghalhekk huwa null u bla effett in kwantu anti-kostituzzjonali;

2. Tiddikjara wkoll li l-istess Regolament u Artikolu tal-ligi jiksru l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja fuq indikata in kwantu il-korp intimat li impona il-pieni ma hux awtorita' gudikanti indipendenti u imparzjali; u

3. Minghajr pregudizjzu ghal premess tiddikajra li l-agir tal-korp intimat fl-interita' tieghu ghar-ragunijiet fuq isemmmija sar bi ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja fuq indikata, kif ukoll kien leziv tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja; u il-piena inflitta peress li hija sproporzjonata saret bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll l-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropeja;

4. Konsegwentement tiddikjara li l-pieni kollha inflitti mill-korp intimat imposti b' decizjoni tat-26 ta' Dicembru 2022 huma nulli u bla effett fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

5. Konsewgentement ukoll tiddikajra li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni kemm pekunjarji u mhux pekunjarji bhala rizultat ta'

dawn il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti; u tikkundannahom ihallsu in solidum bejniethom id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti;

6. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti, taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tizgura t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem tal-istess socjeta' rikorrenti, taghti kull rimedju xieraq lis-socjeta` rikorrenti sabiex tali lezjoni tigi indirizzata inkluz izda mhux biss it-thassir u r-revoka tad-decizjoni tal-Korp intimat fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti tas-26 ta' Dicembru 2022 mibghuta lill-istess socjeta` permezz ta' email fid-29 ta' Dicembru 2022.

Bl-spejjez kontra l-intimati."

2. Rat ir-**risposta tal-Avukat tal-Istat** ippreżentata fis-17 ta' Frar 2023 fejn ġie eċċepiet in linea preliminari is-segwenti:

"1. Illi preliminarjament, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex il-<u>kumpanija rikorrenti ma eżawrixxietx ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavolat din il-kawża kostituzzjonali speċjali</u>. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, il-multa amministrattiva mogħtija mill-Korp Għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jistax f'dan l-istadju jingħad li r-rikorrenti m'għandhomex rimedju xieraq meta l-appell għadu mhux konkluż. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l—Onorabbli Qorti sabiex <u>tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha</u> u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensila ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli;

2. [...]

3. Illi in linea preliminari wkoll, mingħajr preġudizzju għas-suespost, u b'referenza għall-paragrafu 14 u t-tielet talba tar-rikors promotur, skont l-artikolu 161 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, proċeduri quddiem il-qrati superjuri ta' Malta għandhom jinbdew permezz ta' rikors ġuramentat, sakemm il-liġi ma tiddisponix mod ieħor. Filwaqt li l-artikolu 2 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 jiddisponi illi proċedimenti quddiem din l-Onorabbli Qorti skont l-artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (1) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jistgħu jsiru

permezz ta' rikors, ma hemm ebda artikolu simili illi jippermetti li kawża dwar allegat ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ssir permezz ta' rikors sempliċi, u mhux rikors ġuramentat. Għalhekk, jekk il-kumpanija rikorrenti qed tilmenta minn ksur tal-Karta, ir-rikors promotur huwa irritu u null ai termini tal-artikolu 789 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta."

3. Rat ukoll ir-**risposta tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja** ppreżentata fil-21 ta' Frar 2023 fejn eċċepiet in linea preliminari is-segwenti eċċezzjonijiet:

"[...]

8. Illi f'dan l-isfond, fl-ewwel lok il-Korp esponent umilment jissottometti illi r-rikorrenti ghandha rimedju ordinarju effettiv ghad-disposizzjoni taghha a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' ligi, izda anki fuq il-mertu tad-decizjoni tal-Korp. Fil-fatt ir-rikorrenti ghazlet li tuzufruwixxi ruhha minn dan ir-rimedju u intavolat l-appell taghha a tenur tal-imsemmi artikolu 13A, liema appell ghadu pendenti. Ghalhekk f'dan l-istadju, ir-rimedju ordinarju disponibbli ghar-rikorrenti ghadu mhuwiex ezawrit. Ghaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta illi tesercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali taghha kif jikkontemplaw l-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.

9. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva billi d-decizjoni tal-Korp esponent fil-konfront tar-rikorrenti ghadha qieghda tigi kkontestata permezz tal-appell hawn fuq imsemmi. Ladarba r-rikorrenti ghazlet li tintavola appell, hija ghandha tistenna li dak l-appell jiehu l-kors kollu tieghu billi f'dan l-istadju ghad ma hemm l-ebda decizjoni finali. Jekk sa llum ghadu qed jigi dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell jekk il-multa hux ser tigi kkonfermata jew le, wiehed ma jistax f'daqqa wahda jinsa' li potenzjalment dik il-multa tista' tigi ikkonfermata jew imhassra u jghaddi biex jara jistax jannulla dik il-multa abbazi ta' ksur ta' ligi specjali dwar drittijiet fundamentali (haga li tippresupponi li l-multa giet diga' kkonfermata u ma baqa' l-ebda rimedju ordinarju iehor taht il-ligi ordinarja)."

4. Rat illi fit-2 ta' Marzu 2023 il-Qorti ddekretat illi l-ewwel għandhom jiġu trattati l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat u tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja speċifikatament l-eċċezzjoni preliminari li tgħid illi s-soċjetà rikorrenti ma

eżawritx ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavolat il-kawża odjerna kif ukoll l-eċċezzjoni preliminari fejn qiegħda tiġi eċċepita l-irritwalita' tar-rikors promotur safejn referibbli għal-lanjanzi marbuta mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fl-14 t'April 2023[1] kif ukoll semgħet it-trattazzjoni orali waqt is-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2023[2].

6. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat;

7. Bħala fatti rilevanti jirriżulta mill-atti li b'deċiżjoni tas-26 ta' Diċembru 2022 ikkomunikata lis-soċjeta' rikorrenti permezz ta' korrispondenza elettronika fid-29 ta' Diċembru 2022, l-intimat Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (minn issa 'l quddiem FIAU) sab lis-soċjetà rikorrenti ħatja ta' ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu (L.S. 373.01) u impona fuq is-soċjetà rikorrenti il-piena amministrattiva ta' €204,126 bis-saħħa tal-Artikolu 13 tal-Att kontra *Money-Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta) u Regolament 21 tar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (LS 373.01 tal-Liġijiet ta' Malta). Is-soċjetà rikorrenti appellat mid-deċiżjoni tal-FIAU quddiem il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri), liema appell għadu pendenti. Kontestwalment mal-appell, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat il-kawża odjerna fejn qiegħda ssostni inter alia illi Artikolu 13 tal-Kapitolu 373 u r-Regolament 21 tal-Avviż Legali 372 tal-2017 jiksru l-jedd għal smigħ xieraq taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ingħad ukoll li l-impożizzjoni tal-piena hija sproporzjonata għall-għemil allegat li sar mis-soċjetà rikorrenti u dan bi ksur tal-Artikolu 49 (3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

**L-Eċċezzjoni Preliminari dwar Nuqqas ta'eżawriment ta' rimedji ordinarji**

8. Kemm l-Avukat tal-Istat kif ukoll l-FIAU jilqgħdu b'mod preliminari għat-talbiet tar-rikorrenti billi jsostnu illi s-soċjetà rikorrenti naqset milli teżawrixxi r-rimedji ordinarji lilha disponibbli qabel ippreżentat il-kawża.

9. Din l-eċċezzjoni hija msejsa fuq l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u fuq l-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319. Dan l-aħħar artikolu jipprovdi hekk:

[1] Fol 76 et seq tal-proċess.
[2] Fol 86 et seq tal-proċess.

"Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra."

10. L-intimati jsostnu illi r-rimedju ordinarju disponibbli lis-soċjeta' rikorrenti jinstab fil-**Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Kontra *Money Laudering*)** senjatament **Artikolu 13A** li jipprovdi illi:

"(1) Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, il-persuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu.

(2) L-appell imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jsir fil-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) komposta kif hemm fl-artikolu 41(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(3) Appell fil-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) kif hemm fis-subartikolu (1) għandu jiġi ppreżentat fir-reġistru ta' dik il-Qorti fi żmien għoxrin ġurnata mid-data meta l-għoti tal-piena amministrattiva jiġi notifikat lill-persuna suġġetta, u, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dak l-appell għandu jkun regolat mid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li għandhom x'jaqsmu mal-appelli."

11. Tajjeb jiġi puntwalizzat illi jaqa' fuq il-parti li teċċepixxi n-nuqqas ta' eżawriment mir-rikorrent tar-rimedji ordinarji allegatament disponibbli, l-oneru li turi fl-ewwel lok għal-liema rimedji ordinarji qed tirreferi u fit-tieni lok li tali rimedji ordinarji verament jindirizzaw l-ilmenti tar-rikorrent. Ingħad diversi drabi minn din il-Qorti, anke kif presjeduta, li l-għan ewlieni ta' proċedimenti ta' natura kostituzzjonali u/jew

konvenzjonali huwa li l-persuna illi tkun garbet, qiegħda iġġarrab jew sejra ġġarrab t ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha tingħata rimedju tajjeb, effettiv u mingħajr dewmien. Għalkemm huwa minnu li r-rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali huwa wieħed straordinarju u meqjus bħala "*a measure of last resort*", huwa wkoll stabbilit illi ċittadin li jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu m'għandux ikun obbligat ifittex rimedju ordinarju, jekk ir-rimedju ordinarju li jista' jingħata ma jkunx effettiv sabiex jindirizza l-ilment tiegħu.

12. Il-Qorti Kostituzzjonali kellha l-okkażjoni li tikkunsidra appell minn akkoljiment ta' eċċezzjoni identika għal dik in diżamina fis-sentenza **Insignia Cards Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et.**, mogħtija fl-1 ta' Diċembru, 2021. Filwaqt li laqgħet l-appell għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"20. Dak li qiegħda ssostni l-attriċi f'din il-kawża jmur lil hinn mill-parametri tal-appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Hu minnu li quddiem dik il-Qorti jistgħu jsiru appelli dwar punti ta' fatt u ta' liġi. Madankollu, f'dak l-appell il-Qorti mhijiex ser tikkonsidra u tiddeċiedi dwar jekk id-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li għalihom irreferiet l-attriċi, jiksrux il-jeddijiet fundamentali protetti taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni u Art. 6 u 7 tal-Konvenzjoni. L-attriċi għandha interess li l-kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali jiġu determinati f'dan l-istadju. Saħansitra qiegħda wkoll timpunja l-proċedura stess tal-appell li tipprovdi għalih il-liġi. M'hemm l-ebda garanzija li l-attriċi ser toħroġ rebbieħa fl-appell pendenti.

21. Hu fatt li parti mill-ilment tal-attriċi hu dwar il-mod kif mexxa l-investigazzjoni l-FIAU qabel id-deċiżjoni, u l-attriċi għamlet referenza għall-Art. 6(3) tal-Konvenzjoni u Art. 39(6)(a). Normalment wieħed irid jistħarreġ il-proċess kollu u mhux jillimita ruħu għal xi stadju partikolari. F'dan ir-rigward fadal l-appell li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Madankollu jibqa' l-fatt li jkun x'ikun l-eżitu tal-proċess li għad irid isir quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), dak li ġara quddiem l-FIAU seħħ u l-attriċi tilmenta li fih innifsu dak il-proċess wassal għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali. Inoltre, dan l-ilment hu direttament konness mal-ilment li bih l-attriċi qiegħda tikkontesta provvedimenti tal-Att Kontra l-*Money Laundering* fosthom li l-FIAU hu awtorita` pubblika li bil-liġi jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti fl-istess ħin.

22. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti m'għandhiex dubju li fil-każ in eżami l-attriċi m'hijiex tabbuża mill-proċess kostituzzjonali u m'hemmx bażi

sabiex Qorti tiddeċiedi li ma tqisx l-ilment tal-attriċi minħabba li għandha mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat."[3]

13. Is-soċjeta' rikorrenti qed tilmenta minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha kif protetti *inter alia* bl-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu l-FIAU hija awtorita' pubblika illi fil-konfront tagħha u bis-saħħa tal-provvedimenti tal-Att Kontra l-*Money Laundering* aġixxiet f'nifs wieħed bħala investigatur, prosekutur u Qorti u kkundannatha "piena amministrattiva" ta' €204,126.00. Għalkemm huwa minnu illi l-Att Kontra l-*Money Laundering* jagħti l-jedd ta' appell mid-deċiżżjonijiet tal-FIAU sew fuq punt ta' liġi kif ukoll fuq il-mertu, u huwa minnu wkoll li s-soċjeta' rikorrenti għandha appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) dwar l-imsemmija piena amministrattiva, l-ilment primarju ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali tas-soċjeta' rikorrenti mertu tal-kawża odjerna bl-ebda mod ma jista' jiġi indirizzat fl-appell pendenti, irrispettivament mill-eżitu tiegħu. Din il-Qorti għalhekk tqis illi ma jirriżultawx l-estremi sabiex b'applikazzjoni tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 (2) tal-Konvenzjoni tiddeklina milli tisma' l-kawża.

14. Għaldaqstant qed **tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Avukat tal-Istat u t-tmien u d-disa' eċċezzjoni sollevati mill-FIAU.

Ikkunsidrat;

**Ilment taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**

15. L-Avukat tal-Istat ressaq l-eċċezzjoni li r-rikors promotur huwa null ai termini tal-Artikolu 789 (1) tal-Kapitolu 12 u dan safejn it-talbiet huma msejsa fuq il-provvedimenti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem il-Karta). Isostni l-Avukat tal-Istat illi safejn l-ilmenti tas-soċjeta' rikorrenti jirreferu ghall-Karta, r-rikors promotur kellu jkun rikors ġuramentat.

[3] Ara wkoll **Southern Cross SICAV plc vs. Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et** deċiża mill-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fid-9 ta' Marzu 2023; u **XNT Limited vs. Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et** mogħtija mill-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-13 ta' Lulju 2023.

**Att dwar l-Unjoni Ewropea - Kapitolu 460**.

16. **Artikolu 3 tal-Kapitolu 460** jipprovdi illi:

"3.(1) Mill-Ewwel ta' Mejju 2004, it-Trattat u atti eżistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea għandhom jorbtu lil Malta u għandhom ikunu parti mil-liġi domestika tagħha taħt il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.

(2) Kull dispożizzjoni ta' liġi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet ta' Malta taħt it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt mogħti lil xi persuna bit-Trattat jew taħtu għandha, safejn dik il-liġi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tiġi infurzata."

17. Is-soċjeta' rikorrenti qed tilmenta wkoll minn piena sproporzjonata bi ksur fost l-oħrajn tal-Artikolu 49 (3) tal-Karta. Permezz tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 460 u aktar u aktar bis-saħħa tal-Ordni dwar it-Trattat ta' Lisbona[4] (L.S. 460.20), il-Karta torbot lil Malta u hija parti mil-liġi domestika. Il-Qorti tqis illi jkun tajjeb li jiġi puntwalizzat illi l-Karta, għalkemm mhux inkorporata fil-leġislazzjoni domestika b'att tal-parlament Malti hija xorta waħda applikabbli fil-ġurisdizzjoni Maltija u għalhekk ksur ta' provvediment tal-Karta jista' jiġi mistħarreġ mill-Qrati Maltin.[5]

18. Għalkemm huwa minnu li ksur ta' provvediment tal-Karta jista' jiġi mistħarreġ mill-Qrati tagħna jekk il-ksur jirrigwarda liġi tal-Unjoni Ewropea, huwa minnu wkoll illi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09, **Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni,** ma tagħmel ebda referenza għal Karta.

19. Ir-**Regolament 2 (1)** tal-imsemmi Leġislazzjoni Sussidjarja jagħmel referenza biss għal Kostituzzjoni kif ukoll għal Konvenzjoni:

---

[4] Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali m'hijiex inkorporata direttament fit-Trattat ta' Lisbona, iżda bl-Artikolu 6 (1) TEU, saret vinkolanti bħat-Trattati.

[5] Ara **Mario Pace Axiaq et vs. L-Onorevoli Prim Minsitru et** deċiża mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fit-3 ta' Mejju 2019; **Cecil Herbert Jones vs. Avukat Ġenerali** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Frar 2019; u **Raymond Caruana vs. L-Avukat Ġenerali** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Frar 2013.

"Il-proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li jsiru skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-proċedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandhom jinbdew permezz ta' rikors."

20. **Artikolu 161 (1) tal-Kapitolu 12** jipprovdi li "Fil-Qrati Superjuri u tal-Maġistrati f'Malta u Għawdex, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors iżda f'dawk superjuri għandu jkun ġuramentat." In oltre t-tieni subartikolu jipprovdi li "Il-proċedimenti jistgħu jitmexxew b'rikors fil-każijiet preskritti bi jew skont xi liġi." Ġaladarba l-liġi ma tgħidx mod ieħor, fil-każ ta' allegat leżjoni tal-Karta, il-proċeduri għandhom jitmexxew b'rikors ġuramentat u mhux b'rikors sempliċi bħar-rikors promotur li ta bidu għal dawn il-proċeduri.

21. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li donnu qed jagħmel l-Avukat tal-Istat illi l-proċedura odjerna kollha hija irrita u nulla.[6] Tenut kont li l-ilmenti tas-soċjeta' rikorrenti jirreferu mhux biss għall-Karta; iżda wkoll u b'aktar emfasi dwar għal allegat leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tagħha protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, tqis illi l-eċċezzjoni tal-irritwalita' hija fondata limitatament safejn l-ilmenti tas-soċjeta' rikorrenti huma msejsa fuq il-Kara iżda mhux safejn huma msejsa fuq il-Kostituzzjoni u fuq il-Konvenzjoni.

22. **Għaldaqstant tqis irritwali biss it-talba tas-soċjeta' rikorrenti safejn msejsa fuq il-Karta** senjatament il-parti tat-tielet talba li taqra kif ġej:

"il-piena inflitta peress li hija sproporzjonata saret bi ksur ……..kif ukoll l-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropeja".

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qed taqta u tiddeciedi l-eċċezzjonijiet preliminari hawn kkonsidrati billi,

1. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u **tiċħad** it-tmien u d-disa' eċċezzjoni tal-intimat Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja;

[6] Ara para. 22 tan-nota ta' sottomissjonijiet a fol. 84

2. **Tilqa' in parte** t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, tiddikjara irritwali t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti safejn imsejsa fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea stante li ma tresqux b'rikors maħluf u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba tar-rikorrenti safejn hija mseja fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Tiċħadha għall-kumplament.

**Spejjeż** riżervati għall-ġudizzju finali.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
12 ta' Ottubru, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**